AWWISSU 2005

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

AD 1920

# www.akkademjatalmalti.org

L-indirizz elettroniku ta' hawn fuq huwa tal-websajt il-ġdida ta' L-Akkademja tal-Malti, imfassla mill-Alert, li se tkun varata fi ftit jiem oħra. Fiha wieħed jista' jikseb ħafna tagħrif u informazzjoni ġenerali b'rabta mal-Malti billi jiftaħ il-paġni li jidhru fl-ewwel taqsima. Fost oħrajn hemm Tagħrif fuq l-Ilsien Malti, l-Istorja ta' L-Akkademja, Bijografiji ta' Awturi, Librerija, *Links* u tagħrif fuq il-Kontributuri.




Il-membri jistgħu jibagħtu l-kontribuzzjonijiet tagħhom biex jiġu kkunsidrati għal din il-websajt billi jiktbu lis-Segretarju, "Imrammitna", 4 Triq l-Għerien, il-Mosta, MST 03. F'din il-korrispondenza, il-kontributuri għandhom jinkludu l-indirizz elettroniku tagħhom. It-taqsima Biografiji għalissa se tinkludi biss bijografiji ta' awturi mejtin.

---

## *Il-Malti:*

### Ħarġiet LXXVI u LXXVII, Sena 2005

Bħalissa qiegħda tiġi stampata l-edizzjoni letterarja ta' *Il-Malti*, ir-rivista ta' L-Akkademja tal-Malti. Din l-edizzjoni, imfassla mill-Klabb Kotba Maltin u b'editorjal minn Dr Bernard Micallef, hi mżewqa b'għadd ta' xogħlijiet ta' proża, poeżija u traduzzjoni minn bosta awturi tagħna: Daniel Massa, Achille Mizzi, Victor Fenech, Lino Spiteri, Maria Grech Ganado, Paul P. Borg, Maurice Mifsud Bonnici, Lina Brockdorff, Josette Attard, Ġorġ Borg, Toni Aquilina, Immanuel Mifsud u ħafna oħrajn.

Dr Micallef qed iħejji wkoll edizzjoni akkademika ta' *Il-Malti*, bi studji kritiċi u lingwistiċi ta' esperti f'dawn l-oqsma.

## STATUT 2005

Nhar l-4 ta' Ġunju 2005, issejħet Laqgħa Ġenerali Straordinarja fis-Sala Robert Samut, il-Furjana, biex il-membri ta' L-Akkademja tal-Malti jiddiskutu u jemendaw l-istatut propost mill-Kunsill *ad interim*. Dan l-istatut tressaq quddiem il-membri wara 24 laqgħa tal-Kunsill (kważi darba fil-ġimgħa) u li fihom l-istatut dejjem kien wieħed mill-punti ewlenin fl-aġendi li tfasslu.

Fil-L.Ġ.S., li kien hemm min iddeskriviha bħala "maratona ta' serjetà", ġew diskussi l-emendi kollha mressqa mill-membri, li kienu jgħoddu 39 artiklu.

Fost il-membri li attendew kien hemm il-President Emeritus, il-Prof. Guido de Marco.

Ma' din iċ-ċirkulari qed jintbagħatlek ukoll l-istatut il-ġdid ta' L-Akkademja tal-Malti.

# ĦIDMIET OĦRA TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI

- Is-Sinjura Lina Brockdorff attendiet, bħala Viċi-President tal-Kunsill, is-serata tal-Premju Letterarju 2003 mniedi mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, li saret f'Novembru 2004.
- Is-Sur Joe Borg irrappreżenta lill-Akkademja fil-korteo f'ġieh Dun Karm li sar nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru 2004 u fil-korteo f'ġieh Mikiel Anton Vassalli li sar nhar l-Erbgħa, 12 ta' Jannar 2005.
- Il-President ta' L-Akkademja, Dr Bernard Micallef, għamel diskors ta' l-okkażjoni fit-tifkira f'ġieh Karmen Mikallef Buhagar li saret nhar it-23 ta' Frar 2005 fis-Sala Robert Samut, il-Furjana.
- Nhar it-13 ta'April 2005, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni organizza serata f'ġieh Ġużè Cassar Pullicino fis-Sala Robert Samut li fiha Dr Ġorġ Mifsud Chircop għamel diskors f'isem L-Akkademja.
- L-Akkademja tinsab f'kuntatt ma' l-awtoritajiet ikkonċernati biex tikseb id-dar ta' Doreen Micallef (skond ix-xewqa tal-poetessa).



*Ġużè Cassar Pullicino*


APS bank

**Fond għall-Kittieba tal-Malti**

Il-Bank APS dan l-aħħar żied paġna fil-websajt tiegħu biex dawk il-kittieba li jixtiequ jippubblikaw xogħlijiethom bl-għajnuna tal-Fond għall-Kittieba tal-Malti, ikunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni meħtieġa dwar kif jaħdem dan il-Fond. Il-paġna tinkludi wkoll formola ta' l-applikazzjoni. L-indirizz elettroniku ta' din il-paġna huwa:

http://www.apsbank.com.mt/page.asp?p=5359&1=1

Il-kaxxa postali PO Box 124 ma għadhiex teżisti u kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Sur Andrew Attard, Marketing Unit, APS Bank Ltd., APS House, 24, Misraħ Sant'Anna, Il-Furjana, VLT 16.
Il-websajt tal-Bank huwa www.apsbank.com.mt


Nifirħu lil
**Dr Josette Attard**

It-tieni premju
tad-disa' edizzjoni
tal-konkors internazzjonali
tal-ħajku,

***Kumasakura***

din is-sena ngħata
lil
Dr Josette Attard,
fil-kategorija
ta' l-ilsna barranin.

## Imsieħba Ġodda fl-Akkademja tal-Malti

Kif jitlob artiklu 3.4 ta' l-istatut il-ġdid, L-Akkademja tal-Malti tgħarraf lill-membri tagħha bis-sħubija ta' tliet membri ġodda:

- Charles Dalli, gradwat fil-Malti, awtur ta' għadd ta' kotba fuq l-istorja Medjevali u qed ikompli r-riċerka għall-Ph D f'Cambridge;
- is-Sur Charlò Bonnici, gradwat fil-Malti u Kap tas-Segretarjat fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni;
- is-Sinjorina Ann Marie Scerri, gradwata fil-Malti u qed tkompli r-riċerka għall-M.A. fl-Ekokritika.